# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Marzu, 2001**

**Kawza Numru: 13**
**Citazzjoni Numru: 117/2000/RCP**

**Maurice Gruppetta u Joseph Cassar rispettivament fil-kwalita` ta' Chairman u Segretarju tal-National Pool Administration Board**

**vs**

**Philip u Anna konjugi Pace**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi premettew:

IIli l-konvenuti huma debituri tan-National Pool Administration Board fis-somma ta' tlett elef u mitejn u hmistax il-lira u disa u tletin centezmi dovuti ghall-uzu ta

faciltajiet kif konfermati permezz ta' invoices hawn annessi A sa G li jgibu d-dati 23.02.96.; 30.09.96; 29.12.96; 19.07.96; 29.05.97; 08.07.97.; u 05.09. 97.

Illi nonostante is-sejha ghall-hlas maghmula anki permezz ta' ittra ufficjali il-konvenuti baqghu inadempjenti.

L-istess atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onor Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri versu l-atturi fl-ammont ta' Lm 3215.39.

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi is-somma ta' Lm 3215.39.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru 1999 u imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra il-konvenuti ingunti ghas-subizzjoni

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghu kontumaci;

Semghet ix-xhieda ta' l-atturi;

Semghet l-Avukat ta' l-atturi;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotta fic-citazzjoni jirrizultaw pruvata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenuti **tilqa' t-talbiet ta' l-atturi** kif dedotta fic-citazzjoni b'dan illi:

1. Tiddikjara lill-konvenuti debituri versu l-atturi fl-ammont ta' Lm 3215.39.

2. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-atturi is-somma ta' Lm 3215.39.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 17 ta' Novembru 1999 u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni kontra il-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Marzu 2001.**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**22 ta' Marzu 2001**